DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480    **Indirizz Elettroniku:** dcmel@gov.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X    **Data:** 23 ta' Ottubru 2013

**Azzjoni:** X    **Ref:** CMeLD 292/2013

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** In-Novelli għas-Sillabu tal-Ewwel u t-Tieni Sena tas-Sekondarja

---

L-għalliema tal-Malti tal-Ewwel u tat-Tieni Sena tas-Sekondarja huma mgħarrfa li fil-karta tal-eżami annwali tal-Malti tal-2014 ser ikun hemm mistoqsijiet fuq in-novelli fit-taqsima tal-letteratura.

L-għalliema huma mitluba jagħżlu tliet novelli mill-erbgħa li jidhru hawn wara biex jagħmluhom tul din is-sena skolastika. L-għalliema jistgħu jaraw dawn in-novelli fis-sit tad-Dipartiment tal-Malti http://malti.skola.edu.mt u jistgħu jħejju materjal u riżorsi għat-tagħlim tagħhom. Il-proċess tal-pubblikazzjoni tal-antoloġiji nbeda u l-kotba mistennija joħorġu kmieni s-sena d-dieħla.

Huwa importanti li waqt it-tħejjija tagħhom l-għalliema jżommu f'moħħhom dawn il-punti:

1. dawn in-novelli għandhom jintużaw l-ewwel u qabelxejn biex iħajru lill-istudenti jieħdu gost jaqraw aktar bil-Malti;
2. in-novelli għandhom iservu ta' spunt għal diskussjoni fil-klassi fuq temi kurrenti marbuta mal-esperjenzi ta' kuljum ta' ħajjet l-istudenti;
3. in-novelli għandhom iservu ta' spunt biex l-istudenti jiltaqgħu ma' aspetti stilistiċi bażiċi u ewlenin bħall-karattri, il-ġrajja, l-ambjent, l-istil tal-kitba u l-lessiku użat.

Min ikollu xi diffikultà jew ikun jeħtieġ aktar tagħrif jista' jikkuntattja lil wieħed mill-Uffiċjali Edukattivi:

David Agius Muscat - david.agius.muscat@ilearn.edu.mt - 25982927
George Mifsud - george.mifsud@ilearn.edu.mt -25982905
David Muscat - david.muscat.4@ilearn.edu.mt - 25982907

Grazzi tal-koperazzjoni.

**Dr Frank Fabri**
**Aġent Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**

**Lista tan-Novelli għall-Ewwel u t-Tieni Sena tas-Sekondarja (2013-2014)**

## In-Novelli għall-Ewwel Sena tas-Sekondarja

Agħżel tliet novelli mill-erbgħa t'hawn taħt:

| | **L-Isem tan-Novella** | **L-Isem tal-Ktieb** | **Il-Kittieb/a** | **Il-Pubblikatur** | **Id-Data tal-Pubblikazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Is-Siġar li Jżommu Id f'Id | Il-Bieb Numru 11 u stejjer oħra | Lina Brockdorf | Klabb Kotba Maltin | 2007 |
| 2 | Miċu | Aktar stejjer tar-Ronnie | Joe Friggieri | Malta University Publishing | 2010 |
| 3 | Tifla Teqred Ġganta | Manwel Magri – Ħrejjef Missirijietna | Manwel Magri (ed. G. Mifsud Chircop) | PEG | 1994 |
| 4 | Id-Dar tal-Ħares | Ġierku ma Jmut Qatt | Charles Flores | PEG | 2005 |

## In-Novelli għat-Tieni Sena tas-Sekondarja

Agħżel tliet novelli mill-erbgħa t'hawn taħt:

| | **L-Isem tan-Novella** | **L-Isem tal-Ktieb** | **Il-Kittieb/a** | **Il-Pubblikatur** | **Id-Data tal-Pubblikazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Id-Dilemma ta' Sara | L-Irġiel tal-Garaxxijiet u stejjer oħra | Nora Macelli | L-awtriċi | 2006 |
| 2 | Fulu u Skartoċċ | Stejjer minn Wied Għarbiel | Paul P. Borg | Klabb Kotba Maltin | 2006 |
| 3 | L-Għolja tad-Deheb u tat-Teżori | Għawdex joħlom bil-Leġġendi | Gorg Pisani | L-awtur | 1999 |
| 4 | Wild Mifxul | Mal-Ħmura tas-Silla | Lino Spiteri | PEG | 1993 |